MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 391/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-2 ta' Diċembru, 2005 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

Illi l-partijiet kienu żżewġu fit-2 ta' Ottubru, 1998 fil-Knisja ta' San Alwiġi, Birkirkara;

U li l-kunsens ta' l-attriċi għal dak iż-żwieġ kien vizzjat billi ma kienx totalment ħieles kif trid il-liġi imma ħassitha li kellha tidħol għal dak iż-żwieġ billi kostretta miċ-ċirkostanzi;

U li dak iż-żwieġ kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni fil-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u l-obbligi li dik kienet tikkomporta magħha, u dan fiż-żewġ partijiet;

U li għalhekk dak iż-żwieġ kien null u bla effett billi vizzjat kif fuq ingħad;

Jgħid il-konvenut għaliex din il-Qorti m'għandhiex, prevja li:

1. Tiddikjara l-kunsens tal-partijiet vizzjat *sia* billi da parti ta' l-attriċi ma kienx liberu sħiħ, *sia* wkoll billi l-kunsens taż-żewġ partijiet kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni fil-ġudizzju kif fuq ingħad;

2. Tiddikjara null u bla effett iż-żwieġ tal-partijiet iċċelebrat fit-2 ta' Ottubru, 1998.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, ippreżentata fid-9 ta' Frar, 2006, li permezz tagħha eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu diretti kontra l-eċċipjenti u dan fis-sens illi l-kunsens tiegħu ma kien afflitt minn ebda difett ta' diskrezzjoni u wisq anqas kien vizzjat;

2. Illi jekk il-kunsens ta' l-attriċi kien vizzjat u/jew afflitt minn difett ta' diskrezzjoni dan ċertament ma kienx imputabbli lill-eċċipjent u l-konvenut ma kienx għall-konoxxenza ta' dan;

3. Illi ċertament l-eċċipjent ma għandux tort għal dak mistqarr mill-attriċi u b'konsegwenza ma għandux ikun hu li jirrispondi għan-nuqqasijiet tagħha;

4. Illi għaldaqstant ċertament ma għandux ibati spejjeż ġudizzjarji li għandhom ikunu għall-kariku ta' l-attriċi u dan *stante* li dak kollu li seħħ huwa nterament imputabbli lilha;

5. Illi kwalunkwe deċiżjoni li jidhrilha xieraq u opportun li tagħti din l-Onorabbli Qorti ma għandux ibiddel u jvarja t-termini tas-separazzjoni konsenswali bejn il-kontendenti, speċjalment in kwantu riferibbli għall-minuri C;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-Assistent Ġudizzjarju.

Rat l-affidavits tal-partijiet, ta' ________________ *(omissis)* .

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qiegħda titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1998 a bażi ta' l-Artiklu 19(1) (d) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut, kif *gia'* ingħad, jaqbel mat-talba, iżda għal raġunijiet oħra. Naturalment, kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta*

*jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artiklu ċitat mill-attriċi jirrigwarda:

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

Il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi li tressqu ftit hemm wieħed xi jgħid ħlief li l-attriċi *ex admissis* kienet tħobb lil xi ħadd ieħor meta żżewġet lill-konvenut, u f'dawn iċ-ċirkostanzi wieħed jifhem kif iż-żwieġ falla. Hija baqgħet għaddejja biż-żwieġ minħabba l-pressjoni li kellha min-naħa tal-familjari tagħha. Da parti tiegħu l-konvenut għalkemm xamm x'kien għaddej ma kellux wisq tort ta' dak li ġara. Fil-fehma tal-Qorti l-*forma mentis* ta' l-attriċi kienet ferm 'il bogħod milli jkollha d-diskrezzjoni neċessarja għaż-żwieġ u kwindi jidher ċar li jirriżultaw l-estremi tas-sub-inċiż (d) imsemmi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fit-2 ta' Ottubru, 1998. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------